MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 13 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**Vs**

**Frankie Farrugia**

**Kump Numru : 91/2022**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Frankie Farrugia**, detentur tal-karta ta' l-identita Maltija **0472371M**, fejn gie akkuzat talli bhala ufficjal pubbliku, bejn ix-xhur ta' Novembru, tas-sena' elfejn u ghoxrin (2020), u Settembru tas-sena' elfejn wiehed u ghoxrin (2021), ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. xjentement ghamilt uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, kif ukoll talli xjentement ghamiltu uzu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz t'awtorita';
   *(Artikoli 18 u 186 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*;

2. xjentement ghamiltu uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 189 tat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
   *(Artikoli 18 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tal-imputat barra milli tapplika l-piena li jidhrilha xieraq tapplika wkoll id-dispozizzjnijiet tal-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé tapplika l-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-22 ta` Frar 2022 sabiex din il-kawza ssehh bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet, l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jiirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 10, 17, 31, 18, 179, 186, 189, 190 U 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Frankie Farrugia hati fuq ammissjoni tieghu stess, ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta`**

**tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Frankie Farrugia, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna fil-konfront tal-hati Frankie Farrugia, il-piena ta` l-interdizzjoni generali perpetwa.**

**Tordna ghalhekk li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur sabiex tigi esegwita l-Ligi skond id-dispost ta` l-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur